MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2015

Avviz Numru. 22/2007

**Chris Gerada u Mario Difesa fil-kwalità taghhom ta' President u Segretarju rispettivament tal-White Taxi Association**

**Vs**

**Josef Bonnici**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Chris Gerada u Mario Difesa fil-kwalità taghhom ta' President u Segretarju rispettivament tal-White Taxi Association fid-29 ta' Jannar 2007 permezz ta' liema jitolbu li l-Qorti tikkundanna lil Josef Bonnici jhallashom is-somma ta' elfejn mitejn disgha u hamsin Lira Maltija (Lm2,259), illum ekwivalenti ghal €5,262.05, rapprezentanti somma ta' flus minnu misapproprjati minghand il-White Taxi Assocation fi zmien li kien jahdem maghha meta huwa kien inkarigat li jigbor flus minghand il-klijenti in skambju ta' *coupons* li l-istess klijenti in segwitu kienu jipprezentaw lix-xufiera tal-White Taxis sabiex dawn jittiehdu fuq vjagg li kienu hallsu ghalih, bl-imghax legali dekorribli skond il-Ligi u bl-ispejjez giudizzjarji kontra l-istess Josef Bonnici;

Rat ir-Risposta ta' Josef Bonnici permezz ta' liema jeccepixxi illi: (i) preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; u li (ii) subordinatament u bla pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari, huwa ma ghandu jaghti xejn lill-atturi ghaliex kull haga li huwa kellu fil-passatt kien raddha lill-impjegati tieghu skond struzzjonijiet moghtija lilu;

Rat is-sentenza preliminari moghtija fil-25 ta' Ottubru 2010[1] permezz ta' liema l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut, ossia li l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, giet michuda;

Semghet ix-xhieda ta' Louis Sammut moghtija waqt is-seduti tal-15 ta' Ottubru 2007[2] u tas-7 ta' Frar 2011[3] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "LS1" sa' Dok. "LS3" a fol. 14 sa' 40 tal-process, rat d-dokumenti esebiti mill-atturi nomine permezz ta' Nota pprezentata fil-15 ta' Ottubru 2007 markati Dok. "AC1" u Dok. "AC2" a fol. 41 sa' 44 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Alfred Pace moghtija waqt is-seduti tal-5 ta' Novembru 2007[4] u tal-25 ta' Novembru 2010[5], rat is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Joseph Bonnici" pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-24 ta' Novembru 2008 li giet esebita mill-konvenut permezz ta' Nota pprezentata fis-27 ta' Jannar 2009 a fol. 55 sa' 59 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduti tas-7 ta' Mejju 2009[6], ta' l-10 ta' Dicembru 2009[7] u tal-25 ta' Novembru 2010[8], rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija minn Rosario Sammut u Alfred Pace fil-proceduri kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Joseph Bonnici" esebiti mill-konvenut permezz ta' Nota pprezentata fis-7 ta' Mejju 2009 a fol. 64 sa' 75 tal-process;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Bil-proceduri odjerni l-atturi, fil-kwalità taghhom ta' President u Segretarju tal-White Taxi Association, jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallashom is-somma ta' Lm2,259, illum ekwivalenti ghal €5,262.05, rapprezentanti somma flus li skonthom giet misappropriata minnu fil-perijodu li huwa kien impjegat maghhom. Il-konvenut jikkontesta t-talba attrici bl-eccezzjoni preliminari li l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema eccezzjoni però giet michuda permezz ta' sentenza preliminari moghtija fil-25 ta' Ottubru 2010, u bl-eccezzjoni fil-meritu li huwa ma ghandu jaghti xejn lill-atturi ghaliex kull haga li kellu fil-

---

[1] Fol. 102 sa' 105 tal-process.

[2] Fol. 13 tal-process.

[3] Fol. 115 u 116 tal-process.

[4] Fol. 46 sa' 48 tal-process.

[5] Fol. 111 sa' 113 tal-process.

[6] Fol. 61 sa' 63 tal-process.

[7] Fol. 84 tal-process.

[8] Fol. 107 sa' 110 tal-process.

passatt kien raddha lill-impjegati tieghu skond struzzjonijiet moghtija lilu.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kien ghamel zmien impjegat mal-White Taxi Association u bejn April u Gunju tas-sena 1999 huwa kien jopera *ticket booth* gewwa l-Cruise Liner Terminal minn fejn it-turisti li jigu fuq il-cruise liners kienu jhallsu ghal servizz ta' taxi. Is-sistema essenzjalment kienet li hekk kif turist jakkwista tali servizz u jhallas ghalih huwa kien jinghata *coupon* li bih kien imur ghand ix-xufiera tal-White Taxis fejn dawn, jew ahjar ix-xufier li kien ser jipprovdi dak is-servizz partikolari, kien izomm parti mill-*coupon* u l-parti l-ohra tibqa' ghand il-klijent bhala ricevuta. Fit-*ticket booth* kienet tibqa' parti ohra, li kienet parti safra, bhala *record* tat-transazzjoni. Ix-xufiera kienu in segwitu jmorru fl-ufficcji tal-White Taxi Association, dana generalment nhar ta' Hamis, sabiex jithallsu ghall-vjaggi li kienu ghamlu skond il-*coupons* li kien ikollhom fil-pussess taghhom. Il-konvenut kellu l-obbligu li jzomm *record* tal-vjaggi li kien ibiegh u li jiddepozita l-flus li kien jircievi matul il-gurnata f'kont tal-White Taxi Association sabiex sussegwentement kienet issir *reconciliation* tal-flus li kien gabar u dak li effettivament gie depozitat mal-*coupons* ritornati mix-xufiera li thallsu.

Skond ma xehedu Louis Sammut u Alfred Pace, entrambe xhieda prodotti mill-atturi, gara li f'xi zmien mir-*reconciliation* bejn il-flus u l-*coupons* beda jirrizulta li mhux il-*coupons* kollha prodotti mix-xufiera kienu registrati u l-flus relattivi ghall-vjaggi ma kienux gew depozitati. Fir-rigward Louis Sammut xehed illi *wara ftit zmien bdejna nirrealizzaw li x-xufiera kienu qeghdin jipprezentawlna kupuni li ma jkunux qed ikunu registrati u dawn kienu jiehdu fuq medda ta' numri konsekuttivi, jigifieri illi meta kien jidhol xi vapur u jkun hemm ammonti ta' turisti illi jixtru l-kupuni minghand il-kiosk li jkun hemm ma' gemb il-"Cruise Liner Terminal", il-kupuni li kienu johorgu ma kienux qed jigu registrati u hawnhekk bdejna nirrealizzaw illi l-affarijiet ma kienux qeghdin sejrin sew, jew inkella jnizzel ta' vapur shih però imbaghad ihalli xi wiehed jew tnejn barra, biex id-deposit taghhom ma jsirx*[9]. Alfred Pace, Chief Executive Officer tal-White Taxi Association, xehed illi *l-procedura kienet b'dan il-mod: meta turist imur fit-ticket booth u jhallas ghas-servizz jinghata ricevuta. Jmur ghand it-taxi driver b'din l-ircevuta. Terz minnha tinqata' u tinzamm mit-taxi driver, 'l bqija jzommha t-turist bhala ricevuta li huwa hallas. Meta t-taxi driver jigi l-ufficju taghna b'din ic-chit ahna nhallsuh u nzommu c-chit, imbaghad naghmlu r-reconciliation mal-ktieb ta' l-ircevuti li suppost kellu Bonnici, fejn kien hemm il-mamma ta' l-ircevuta. Jekk insibu din l-ircevuta ahna*

[9] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 2007, fol. 11 sa' 13 tal-process.

*nistejpiljaw ic-chit mal-mamma u kollox ikun sew però konna qeghdin inisbu illi meta konna qed immorru biex naghmlu dan ir-riconciliation min-naha tal-ktieb li kellu Bonnici l-mamma ma konniex insibuha. Meta gibduli l-attenzjoni li kienu qed isiru xi irregolaritajiet jiena kellimt lill-konvenut Josef Bonnici u tlabtu jaghtini spjegazzjoni. Ammetta mieghi li kien zamm xi flus li però kien sejjer jiddepozita u fil-fatt ghamel xi depozitu. Però dan ma kienx bizzejjed biex ikopri l-bilanci li kien hemm u kien fadal xi somma ta' xi elfejn lira xi jrodd lura. Dawn irid iroddhom lilna lill-White Taxi Association ghax sadanittant lit-taxi drivers ahna konna hallasnihom in full tac-chit illi gabulna. Kien Louis Sammut ... li gibidli l-attenzjoni. Fi proceduri ohrajn kontra Josef Bonnici dan, dan l-ahhar, xehed li hu ta xi flus lill-mara tieghi. Dana assolutament mhuwiex minnu. Taht l-ebda cirkostanzi jien mhu ser nippermetti illi l-mara tieghi tinvolvi ruhha f'dawn l-affarijiet. Jekk Josef Bonnici impjegajtu sabiex jaghmel bicca xoghol dana lili jaf u lil hadd iktar. Jekk kellu jaghti xi flus, jaghtihom lili u jiena nichad bl-iktar mod kategoriku illi dan qatt ghadda xi flus lill-marti*[10].

Il-konvenut laqa' ghal dak allegat fil-konfront tieghu minn Louis Sammut u Alfred Pace billi ddikjara li *ghall-habta ta' l-ahhar ta' April jew bidu ta' Mejju qaluli biex ninzel ix-Xatt il-Belt fejn hemmhekk bejn wiehed u iehor konna qeghdin nuzaw l-istess sistema. Bid-differenza li hemmhekk ma kienx jitnizzel id-destinazzjoni, imma t-turist kien jipprenota t-taxi bis-sieghat. Kien hemm zewg booths maz-zewg gates li kien hemm fit-terminal. Hemmhekk kien hemm hafna xoghol. Gieli konna sitta nahdmu. Fl-ahhar tal-gurnata minn barra li kont inzomm ir-records, kont nigbor il-bijletti l-bojod u nehodhom l-ufficju. Gieli hadthom filghaxija u meta nispicca tard gieli hadthom filghodu. Fl-ufficcju jsir ir-reconciliation. Gieli ghamilthom jien u gieli ghamilhom kollega tieghi Louis, maghruf ukoll bhala Rosario, Sammut. Generalment il-flus kienu jigu depozitati minn Louis, imma mhux l-ewwel darba illi minhabba pressjoni ta' xoghol Louis ma kienx ikun jista' u kont immur niddepozitalu l-flus jien. Dawk kienu jsiru fil-kont li l-assocjazzjoni kellha mal-Bank of Valletta, l-branch ta' l-airport. Fix-xahar ta' Mejju gie habib tieghi u qalli li kien sejjer sa' l-Ingilterrra u talabni mmur mieghu u jiena hekk ghamilt. Meta gejt lura l-assocjazzjoni qaltli li ma kontx aktar impjegat maghha. Kien ghad kelli xi vouchers u xi flus float u cempilli s-Sur Pace, Alfred Pace, u qalli biex immur bihom id-dar u jiena hekk ghamilt. Hallejthom mal-mara tieghu. Il-flus kienu f'denominazzjonijiet Amerikani u Sterlini, principalment dollars. Forsi kien hemm xi mitt dollar u ftit sterlini*[11] u mill-gdid li *fis-Sea Terminal ikun hemm zewg gates fejn ikunu jistghu jittrakkaw il-vapuri u*

---

[10] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2007, fol. 46 sa' 48 tal-process.

[11] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2009, fol. 61 sa' 63 tal-process.

*naturalment johorgu t-turisti minnhom. Meta jkunu mimlijin it-tnejn it-turisti jinzlu minn gate wahda u turisti minn vapur iehor jinzlu mill-gate l-ohra. Meta kienu jintuzaw dawn iz-zewg gates kien ikun hemm zewg ticket booths, wahda f'kull bieb. Dawn iz-zewg ticket booths kienu jiehdu hsiebhom nies differenti fis-sens li jekk inkun jiena f'ticket booth wahda, fit-ticket booth l-ohra kien ikun hemm haddiehor ghax dan hemm distanza pjuttost konsiderevoli bejn wahda w ohra. Jiena xogholi kien jikkonsisti li niehu l-booking minghand it-turisti ghall-vjagg li kien ikollhom bzonn, nara t-taxi li tkun vojta u nallokahielhom. Gieli fl-istess booth konna tlieta min-nies qed nahdmu u mhux necessarjament wahdi. Il-flus u l-biljetti relattivi fl-ahhar tal-gurnata kienu jghadduhom lili fl-ahhar tal-gurnata, jiena kont inzomm il-flus skond il-biljetti w imbaghad intellaghhom Hal Luqa. Irrid nghid li l-flus mhux dejjem kienu jghadduhom lili fl-ahhar tal-gurnata izda billi noqghod Birzebbugia hafna drabi, billi Hal Luqa qieghed fi triqti, kont intellaghhom jiena. Meta kienu jghadduli l-flus bil-biljetti fl-ahhar tal-gurnata kont nindika l-vapur liema hu u nigbor il-flus mal-biljetti relattivi izda ma kontx nghoddhom. Ir-reconciliation generalment kien jiehu hsiebha certu Louis izda meta ma kienux jidhlu vapuri allura ma jkollix ghalfejn nerga' ninzel ix-Xatt, ir-reconciliation gieli ghamiltha jiena. Jiena domt nahdem ma' l-association in kwistjoni minn April sa' Gunju. Irrid nghid li matul ix-xhur ta' Mejju u Gunju ta' spiss kien ikun hemm zewg vapuri fl-istess hin dehlin it-terminal. F'dan il-perijodu anki kien hemm okkazzjonijiet fejn jiena ma hdimtx fit-terminal. ... Meta kien jibqali bqija tal-hlasijiet li konna nircievu, jigifieri muniti tal-hlasijiet li kont nircievi, jiena dawn kont inzommhom fl-attache' case tieghi biex insibu bil-lest ghall-ghada. Billi sifirt ta' malajr kelli certu ammont ta' bqija ghandi u meta gejt lura Malta talbuni nirritornhom lis-Sur Pace. Dawn il-muniti kont inzommhom u ma ndahhalhomx mal-flus l-ohra billi l-bank ma kienx jaccetta small change fid-depositi. Id-Dirigenti tal-Assocjazzjoni kienu jafu b'din il-prassi u rrid nghid li fil-bidu nett kienu tawn huma z-zghar biex inkun nistghu nibdew nahdmu. Ahna x-xoghol konna nibdewh direttament billi ninzlu x-Xatt u dana madwar nofs siegha qabel ma kien ikollu jidhol il-vapur. Ir-registri u l-kupuni dejjem konna ngorruhom maghna fl-attache' case taghna u naturalment jekk kien ikun ser jispiccalna xi haga minnhom, nghaddu ghall-godda Hal Luqa. Meta gejt lura mill-Ingilterra, Louis kien qalli biex nghaddi l-flus li kelli fuqi lis-Sur Pace. Jiena kont mort id-dar tas-Sur Pace f'Zerafa Street u kien hemm il-mara tieghu u hallejt kollox maghha. ... Lill-mara tas-Sur Pace hallejtilha enevelope bil-flus u bil-biljetti li kien ghad fadalli ghandi. Tul l-impjieg tieghi ma' l-assocjazzjoni hadd ma kien qalli li kien hemm kwistjonijiet dwar flus neqsin jew rikonciljazzjoni li ma setghatx issir sew. L-ewwel darba li smajt b'din il-kwistjoni kien hafna wara li tlaqt minn ma' l-impjieg minn ma' l-assocjazzjoni. ... Qed jigi suggerit lili li s-Sur Pace kien qalli li kien hemm problema fir-rikonciljazzjoni tal-flus li jiena kont*

*ammettejt li fil-fatt kien hemm il-flus neqsin u ghamilt depozitu relattiv fil-bank izda jiena dan is-suggeriment ma naqbilx mieghu izda nichdu kategorikament. Qed jigi suggerit lili li fil-fatt meta mort ghand il-mara ta' Alfred Pace mort biex naghtiha l-flus neqsin u mhux il-petty cash, jiena dan nichdu u nerga' nikkonferma li jiena dakinhar kont tajtha biss petty cash u biljetti mhux uzati li kien ghad kelli ghandi*[12].

Apparte dak minnu dikjarat waqt is-seduti tas-7 ta' Mejju 2009 u tal-25 ta' Novembru 2009, il-konvenut laqa' ghall-allegazzjonijiet avvanzati kontra tieghu mill-atturi u mix-xhieda minnhom prodotti billi esebixxa kopja tas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Joseph Bonnici" pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-24 ta' Novembru 2008[13], fejn gie liberat mill-akkuza ta' approprjazzjoni bla jedd a tenur ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In kontro-ezami Alfred Pace u Louis Sammut entrambe kkonfermaw li kien hemm okkazzjonijiet fejn fil-Cruise Liner Terminal ittellghu zewg *ticket booths* b'wiehed minnhom immexxi mill-konvenut u l-iehor immexxi minn persuna ohra izda, Alfred Pace sahaq li ciò nonostante fil-maggor parti tad-drabi kien ikun hemm *ticket booth* wiehed biss immexxi mill-konvenut: *fir-rigward tas-Sea Terminal kienu jkunu responsabbli jew il-konvenut jew inkella certu Louis. Min ikun inkarigat mill-booth f'din il-gurnata jkun responsabbli biex jiehu hsieb id-deposit tal-flus relattivi. Fir-rigward tax-xoghol tat-terminal jekk fil-booth kien ikun hemm Louis kien jiddepozithom Louis, izda generalment kien ikun inkarigat il-konvenut biex jaghmel dawn id-depoziti. ... Il-booth li kien ikun is-Sea Terminal kien ikun wiehed biss. Fiz-zmien in kwistjoni kienu ghaddejjin bil-kostruzzjoni tal-VISET u allura kien ikun hemm il-htiega li jersaq kemm kemm il-booth u jmur lejn in-naha tal-Catamaran. Gieli kellna bzonn imbaghad b'emergenza ntellghu t-tieni booth. Jiena nerga' intenni li generalment kien ikun wiehed biss qed jopera u nerga' intenni li booth kien ikun hemm wiehed izda gieli f'certi okkazzjonijiet ftahna tnejn. Il-booths meta jkunu tnejn kienu jigu operati mill-konvenut u minn Louis u nerga' nghid li kulhadd kien jiddepozita l-flus tieghu*[14]. In kwantu rigwarda l-affermazzjoni tal-konvenut li kien hemm okkazzjonijiet meta ma kienx ikun qed imexxi t-*ticket booth* wahdu izda kien ikollu n-nies mieghu, Alfred Pace in kontro-ezami ddikjara *fil-booths kien ikun hemm jew Louis jew il-konvenut u huma biss kienu in charge milli jaqtghu l-biljetti u jmexxu l-flus. Jekk imbaghad fil-booth iqabbad lil xi had jaqtaghlu l-biljetti u jmexxi l-flus u hu joqghod*

---

[12] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2010, fol. 107 sa' 110 tal-process.

[13] Fol. 56 sa' 59 tal-process.

[14] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2010, fol. 111 sa' 113 tal-process.

*attendant, dak kien isir responsabbilità tiegħu għax l-ordnijiet tagħna kienu illi Louis u l-konvenut ikunu jimmanigjaw il-booth u in-nies l-oħra kienu attendants biss*[15]. Fir-rigward ta' l-ammont pretiż mingħand il-konvenut Alfred Pace saħaq li dan *kollu nqala' meta l-konvenut kien għadu impjegat magħna. Jiena lill-konvenut kellimtu, huwa fil-fatt ikkonfermali li kien żamm xi flus iżda qal li kien ser jgħaddihomli lura. Il-konvenut proprjament qalli li kien hemm depożitu li kien għad jonqsu jagħmel ta' somma kbira ħafna. Il-parti l-kbira minn dan l-ammont il-konvenut iddepożitah iżda mhux kollox. Fil-fat dak li qed infittxu aħna llum hija d-differenza. … Il-mara tiegħi m'għandha assolutament xejn x'taqsam max-xogħol tiegħi. Jiena dejjem tajt istruzzjonijiet biex lill-mara tiegħi ma jkellimha ħadd u kont għedt dan lil Louis ukoll u jiena nichad li l-konvenut lilha qatt ħalliehla xi affarijiet*[16].

Fid-dawl tad-diversi allegazzjonijiet u pretensjonijiet rispettivament vantati mill-partijiet kontendenti u ta' dak li effettivament jirriżulta mill-provi prodotti, il-Qorti ma hijiex affattu sodisfatta mill-provi prodotti mill-atturi nomine in sostenn tat-talba attriċi. Il-konvenut xeħet dubju fuq kemm effettivament kien hu u hu biss li jmexxi t-*ticket booths* tal-White Taxi Association li kienu jiġu allestiti fil-Cruise Liner Terminal u konsegwentement għalhekk fuq kemm il-*coupons* allegatament neqsin inbigħu minnu u kien hu li żamm il-flus tagħhom. Xeħet dubju wkoll fuq kemm effettivament baqgħu flus għandu li ma ġewx minnu ritornati lill-Assoċjazzjoni attriċi. Dawn id-dubji ma ġewx sodisfaċentement respinti mill-provi prodotti mill-atturi nomine.

Fuq il-*coupons* esebiti minn Louis Sammut[17] ma hemm xejn x'jindika li dawn inbigħu mill-konvenut u għalkemm Alfred Pace iddikjara li n-nuqqasijiet tal-flus kienu qed jirriżultaw fir-*reconciliation* mal-ktieb tal-konvenut[18], dan il-ktieb ma ġiex esebit u minflok ġie esebit biss rendikont tal-*coupons* allegatament neqsin li ġie ppreparat mill-Assoċjazzjoni bl-għajnuna ta' Louis Sammut[19]. Is-sempliċi dikjarazzjoni ta' Alfred Pace li għalkemm kien hemm okkażżjonijiet fejn fil-Cruise Liner Terminal kienu jiġu allestiti żewġ *ticket booths* tal-White Taxi Association, fil-maġġor parti ta' l-okkażżjonijiet kien ikun hemm *ticket booth* waħda biss immexxi mill-konvenut, ma hijiex prova suffiċjenti sabiex tnissel fil-Qorti l-konvinciment morali li l-*coupons* mertu tal-proceduri odjerni effettivament inbigħu mill-konvenut u li

---

[15] *Ibid.*

[16] *Ibid.*

[17] Dok. "LS1" a fol. 14 sa' 35 tal-process.

[18] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2007, fol. 46 sa' 48 tal-process.

[19] Dok. "LS2" u Dok. "LS3" a fol. 36 sa' 40 tal-process.

l-konvenut zamm ghandu somma flus appartenenti lill-White Taxi Association.

Ghalkemm Alfred Pace jikkontendi li l-konvenut ammetta mieghu li kien zamm ghandu somma flus konsiderevoli li però giet in parte ritornata meta giet depozitata mill-konvenut b'dana li baqa' pendenti l-ammont pretiz fil-proceduri odjerni, allegazzjoni din kategorikament michuda mill-konvenut, l-atturi nomine ma ressqux prova korroborattiva ta' dan l-allegat depozitu biex jaghtu sostenn lil dak dikjarat minn Alfred Pace. In kwantu rigwarda l-pretensjoni tal-konvenut li l-ammonti ta' flus li kellu ghandu rritornhom lil Alfred Pace billi hallihomlu d-dar ma' martu, ghal raguni li l-Qorti ma tistax tifhem l-atturi nomine strahu biss fuq ic-cahda ta' Alfred Pace f'dan ir-rigward minghajr ma ressqu bhala xhud lil martu biex tkun hi stess li direttament tichad tali affermazzjoni, kemm-il darba verament ma huwiex minnu li l-konvenut halla somma flus ghandha biex tghaddiha lil zewgha Alfred Pace.

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet*[20]. Fid-dawl ta' dak kollu appena osservat il-Qorti ma tqisx li jirrizultaw dawk ic-cirkostanzi determinati li jissodaw fiha tali konvinciment morali favur il-pretensjonijiet attrici fil-konfront tal-konvenut, u cioè li tul il-perijodu li ghamel jahdem mal-White Taxi Association huwa mmisapproprja s-somma ta' Lm2,259, illum ekwivalenti €5,262.05, apparetenenti lill-istess Assocjazzjoni. B'hekk fic-cirkostanzi necessarjament ghandha ssegwi il-principju daqstant iehor assodat fis-sistema guridika nostrali li *f'tali sitwazzjoni ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu. Actor non probante, reus absolvitur*[21], principju dan sancit fl-Artikolu 562 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li *bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.*

---

[20] Eucaristico Zammit v. Eustrachio Petrococchino, Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952, Paul Vassallo v. Carmelo Pace, Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986 u Enrico Camilleri v. Martin Borg, Appell Civili Nru. 478/00 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta' Marzu 2003.

[21] Joseph Vincent Rausi noe v. Joseph Musat, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 22 ta' Novembru 1995 u Enrico Camilleri v. Martin Borg, Appell Civili Nru. 478/00 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta' Marzu 2003.

Il-Qorti in fine tosserva li anke f'sede kriminali l-konvenut gie liberat mill-akkuza ta' approprjazzjoni bla jedd a tenur ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba nuqqas ta' provi. Fis-sentenza minnha pronuncjata fl-24 ta' Novembru 2008 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali osservat illi *din il-qorti sabitha difficili tirrikoncilja l-provi ma' l-elementi kostituttivi tar-reat u hi l-fehma taghha li ebda ness probatorju ma jesisti bejn id-dokumenti esebiti u l-approprjazzjoni indebita addebitata lill-imputat molto più meta lanqas gie pruvat konklusivament kemm kienu jigu allestiti kabini fiz-zona tas-Sea Terminal. Aktar minn dan però lanqas jirrizultaw r-rendikonti kollha ta' kulljum ta' kemm kienu nbieghu kupuni mill-imputat, esercizzju dan li semmai kien jirrikjedi n-nomina ta' accountant li ma giex mistqosi. Invece, li ngab ghall-iskrutinju tal-Qorti kienu ammont sostanzjali ta' dokumenti li fil-maggor parti taghhom gew maghmula 'ex parte' u li allura whud minnhom biss kienu bil-kitba u maghmula mill-imputat. Illi wkoll fatt stramb hu li l-ammont li l-prosekuzzjoni qeghdha tallega li gie misapproprjat jikkojincidi ma' ammont li l-imputat jammetti li kien fil-pussess tieghu izda li sostna, mhux kontradett, li kien irritornah u halliha mal-mara ta' Alfred Pace, kif kien istruwit jaghmel, wkoll mhux kontradett billi x-xhud ossja mart l-imsemmi Pace ma gietx prodotta biex tixhed.*

Din il-Qorti ma hijiex prekluza milli tqis il-valur probatorju ta' dik is-sentenza fil-kuntest ta' dawn il-proceduri u dana in bazi ghall-principju li *ma jidhirx fil-ligi li hemm xejn kuntrarju ghall-esebizzjoni f'kawza civili ta' kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti. ... Mill-principju sancit fl-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali, jigifieri ta' l-ezercizzju taz-zewg azzjonijiet, tidderiva biss il-konsegwenza illi l-provi ta' l-azzjoni simili ghandhom isiru ex integro quddiem il-Qorti Civili kompetenti, u dawk ta' l-azzjoni Kriminali anke ex integro quddiem il-Qorti Kriminali; però xejn ma josta illi jsir il-konfront bejn dawk il-provi, ghall-fini ta' attendiblità taghhom u ta' l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. Minn hawn jidher ukoll illi konformament ghar-regola relattiva ghall-provi, tista' tigi prodotta f'kawza civili, li tkun ghadha pendenti, kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq dawk l-istess fatti; u dan in forza ta' l-Artikolu 627(e) tal-Kap.12. ... Naturalment il-gudizzju in sede penale jikkostitwixxi biss wahda mill-provi però hi prova importanti anke ghaliex ukoll kull prova hi ammissibbli jekk hi logikament rilevanti ghall-kwistjoni fil-kawza bejn il-partijiet (Artikolu 558 tal-Kapitolu 12)*[22].

Ghaldaqstant il-Qorti ttenni li fil-fehma taghha l-pretensjoni attrici fil-konfront tal-konvenut, u cioè li tul il-perijodu li l-konvenut ghamel

[22] Anthony Briffa pro et noe v. Vincent Oliver Abela pro et noe, Citaz. Nru. 486/94 deciza fit-28 ta' Marzu 2003.

jahdem mal-White Taxi Association huwa mmisapproprja s-somma ta' Lm2,259, illum ekwivalenti €5,262.05, appartenenti lill-imsemmija Assocjazzjoni, ma gietx sodisfacentement ippruvata u bhala tali ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talba attrici.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-atturi nomine.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------